# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 1020/00mm**

**Antoine Vassallo, f'ismu proprio u esercenti l-kummerc taht l-isem ta' Antoine Auto Dealer**

**vs**

**Paul u Isabelle konjugi Attard**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' disa' mija u erbgha u sittin liri Maltin u erbghin centezmu

(Lm964.40), import ta' tnax-il kambjala accettati u iffirmati mill-konvenuti, annessi u immarkati Dok. 1 sa' Dok. 12 li d-data ta' maturita' taghhom skadiet.

Bl-imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenuti, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja ammontanti ghall-Lm5.75, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-8 ta' Ottubru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.